MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tad-29 ta' April, 2013

Numru. 962/2009

Il-Pulizija
(Sp Anthony Cassar)
vs
Maria Carmela sive Marica Delia, bint John Scicluna,
imeielda Pieta’ karta ta’ l-identita’ numru

Il-Qorti,
Rat l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputata:
1. talli fi Triq il-Gardiel, Marsaskala fl-24 ta’ Settembru, 2004 għal ħabta tad-9.30 a.m. saqet il-vettura tal-għamla FIAT, bin-numru tar-reġistrazzjoni IAC 229, b’mod perikoluż, b’nuqqas ta’ ħsieb, bi traskuraġni, jew b’nuqqas ta’ tħaris tar-regolamenti u b’hekk ikkaġunat offiża ta’ natura gravissima fuq il-persuna ta’ bintha minorenni Julia Delia;
2. talli fl-istess lok, jum, ħin u ċirkostanzi, b’nuqqas ta’ ħsieb, bi traskuraġni, jew b’nuqqas ta’ tħaris tar-

regolamenti, ikkaġunat ħsara fil-vettura li ġġib in-numru tar-reġistrazzjoni JAM 931, għad-dannu ta' Saviour Cutajar minn Ħal-Luqa.
Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tiskwalifika lill-akkużata mill-liċenzji kollha tas-sewqan għal perjodu ta' mhux anqas minn tnax il-xahar.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tal-11 ta' April, 2011 li biha ddikjara li wara li ra l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputata u billi tista' tinsab ħtija jew ħtijiet taħt dak li hemm maħsub:
a. fl-artikoli 225 u 226 tal-Kodiċi Kriminali;
b. fl-artikoli 18 u 328 tal-Kodiċi Kriminali; u
c. fl-artikoli 17, 23, 30, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali;
bagħat lura l-atti lil din il-Qorti sabiex tiddeċidi fuq l-akkuża ta' din il-ħtija jew ħtijiet barra kull ċirkostanza oħra.

Rat il-verbal tas-seduta tad-29 ta' Frar, 2012 fejn l-imputata tat il-kunsens tagħha biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi nkluża x-xhieda ta' l-imputata bil-ġurament.

Rat id-dokumenti eżebiti.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputata.

Ikkunsidrat,

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li fl-24 ta' Settembru, 2004 għal ħabta tad-9.30 a.m. il-pulizija tal-għassa ta' Ħaż-Żabbar ġiet infurmata li fi Triq il-Gardiel, Marsaskala seħħet kollizzjoni bejn vettura tal-għamla FIAT 126bis, bin-numru tar-reġistrazzjoni IAC 229 u truck tal-għamla Bedford, bin-numru tar-reġistrazzjoni JAM 931.

Illi din kienet kollizjoni 'head on' u konsegwenza ta' dan l-inċident l-imputata ġarrbet feriti ta' natura u bintha Julia Delia li kient magħha fil-vettura sofriet ġrieħi li għal bidu kienu definiti bħala gravissimi.  Is-sewwieq tat-truck ma kien ġralu xejn.

Illi fil-kors ta’ din il-kawża ġie stabbilit li Julia Delia ma kellha ebda feriti lijġibu xi debulizza permanenti. L-unika ħaġa li kellha kienet li fuq il-‘bridge’ ta’ imneħirha kellha marka żgħira li biex tarha trid tkun taf biha. Fil-fatt, l-espert indika li minħabba l-fatt li meta ġara l-inċident kienet għada f’eta’ żgħira, din il-marka kull ma jmur ma tibqax tidher.

Illi meta wieħed jeżamina x-xhieda ta’ l-imputata u tas-sewwieq tat-truck li ngħata lill-esperta fl-inkjesta jirrizulta li hemm żewġ versjonijiet djametrikament opposti. Fl-ewwel lok jiġi rilevat li fit-triq hemm liwja iżda l-inċident ġara fil-wita meta ż-ewġ karozzi kellhom opportunita’ ċara li jaraw lil xulxin. Fil-fatt, l-inċident ġara fuq il-kareġġjata li kienet okkupata mit-truck. Dan ifisser li l-imputata daħlet fil-kareġġjata okkupata mit-truck. Il-versjoni ta’ Saviolur Cutajar, is-sewwieq tat-truck, hi li l-imputata tilfet il-kontroll tal-vettura tagħha, daret fuqha nnifsiha u ħabtet mat-truck, anki jekk hu għamel manuvra biex jiġbed hemm jista’ jkun fuq ix-xelluq tiegħu. Il-versjoni ta’ l-imputata hi li rat it-truck ġej b’veloċita’ qawwija u baqa’ dieħel ġo fiha għalkemm ma setgħetx jispjega sew id-dinamika ta’ l-inċident għaliex intilfet minn sensiha.

Illi l-vesjoni mogħtija minn Saviour Cutajar hi kredibbli, anki għaliex l-inċident ġara fuq il-kareġġjata tiegħu. Jirrizulta li l-inċident ġara unikament tort ta’ l-imputata.

Għaldaqstant, issib lill-imputata ħatja taż-żewġ akkużi miġjuba kontra tagħha ħlief għal fatt li l-ferita mġarrba minn bintha Julia Delia hi ta’ entita’ żgħira. Rat l-artikoli 226(1)(ċ) u 328(d) tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannaha għal piena ta’ ħlas ta’ multa ta’ ħames mitt euro (€500). Minbarra dan, rat l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali u tikkundanna lill-imputata għal ħlas tas-somma ta’ elf tlett mija u għaxar euro (€1,310) spejjeż inkorsi fil-ħatra ta’ periti. Fiċ-ċirkostanzi mhemmx lok għas-sospensjoni tal-liċenzja tas-sewqan ta’ l-imputata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------